Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla)

5 ta' Mejju 2015*

"Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Iran bil-għan li titwaqqaf il-proliferazzjoni nukleari — Iffriżar ta' fondi — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball ta' evalwazzjoni — Eċċezzjoni ta' illegalità — Dritt li tiġi eżerċitata attività ekonomika — Dritt għall-proprjetà — Protezzjoni tas-saħħa pubblika, tas-sigurtà u tal-ambjent — Prinċipju ta' prekawzjoni — Proporzjonalità — Drittijiet tad-difiża"

Fil-Kawża T-433/13,

**Petropars Iran Co.**, stabbilita f'Kish Island (l-Iran),

**Petropars Oilfields Services Co.**, stabbilita f'Kish Island,

**Petropars Aria Kish Operation and Management Co.**, stabbilita f'Teheran (l-Iran),

**Petropars Resources Engineering Kish Co.**, stabbilita f'Teheran,

irrappreżentati minn S. Zaiwalla, P. Reddy, Z. Burbeza, solicitors, R. Blakeley, G. Beck, barristers, u M. Brindle, QC,

rikorrenti,

vs

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**, irrappreżentat minn V. Piessevaux u M. Bishop, bħala aġenti,

konvenut,

li għandha bħala suġġett, minn naħa, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/270/PESK, tas-6 ta' Ġunju 2013, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 156, p. 10), kif ukoll ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 522/2013, tas-6 ta' Ġunju 2013, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 156, p. 3), u, min-naħa l-oħra, talba għal dikjarazzjoni ta' inapplikabbiltà tal-Artikolu 20(1)(ċ) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, Nru 2010/413, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, p. 39), kif ukoll tal-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, p. 1),

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla),

komposta minn M. Jaeger, President, M. van der Woude (Relatur) u E. Buttigieg, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Reġistratur: C. Kristensen, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-19 ta’ Novembru 2014,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

### Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Ir-rikorrenti, Petropars Iran Co. (iktar ’il quddiem “PPI”), Petropars Oilfields Services Co. (iktar ’il quddiem “POSCO”), Petropars Aria Kish Operation and Management Co. (iktar ’il quddiem “POMC”) u Petropars Resources Engineering Kish Co. (iktar ’il quddiem “PRE”), huma kumpanniji Iranjani li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fis-setturi taż-żejt, tal-gass u tal-petrokimika.

2 Din il-kawża taqa’ fil-kuntest ta’ miżuri restrittivi stabbiliti bil-għan li ssir pressjoni fuq ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran sabiex jintemmu l-attivitajiet nukleari li jippreżentaw riskju ta’ proliferazzjoni u l-iżvilupp ta’ sistemi ta’ kunsinna ta’ armi nukleari.

3 Fid-9 ta’ Ġunju 2010, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (iktar ’il quddiem il-“Kunsill tas-Sigurtà”) adotta r-Riżoluzzjoni 1929 (2010) (iktar ’il quddiem “UNSCR 1929 (2010)”), maħsuba sabiex testendi l-portata tal-miżuri restrittivi stabbiliti bir-Riżoluzzjonijiet 1737 (2006), 1747 (2007), u 1803 (2008) u sabiex tistabbilixxi miżuri restrittivi addizzjonali kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran.

4 Fis-17 ta’ Ġunju 2010, il-Kunsill Ewropew enfasizza t-tħassib iktar u iktar profond tiegħu dwar il-programm nukleari tal-Iran u s-sodisfazzjon tiegħu dwar l-adozzjoni tal-UNSCR 1929 (2010). Il-Kunsill Ewropew, filwaqt li fakkar id-dikjarazzjoni tiegħu tal-11 ta’ Diċembru 2009, stieden lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropa sabiex jadotta l-miżuri li jimplementaw dawk li jinsabu fil-UNSCR 1929 (2010) kif ukoll il-miżuri li jakkumpanjawhom, bil-ħsieb li jiġi indirizzat, permezz ta’ negozjati, it-tħassib pendenti kollu rigward l-iżvilupp mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran ta’ teknoloġiji sensittivi b’appoġġ għall-programmi nukleari u dak missilistiku tiegħu. Dawn il-miżuri għandhom jiffukaw fuq is-settur tal-kummerċ, is-settur finanzjarju, is-settur tat-trasport tal-Iran u s-setturi prinċipali fl-industrija taż-żejt u l-gass, kif ukoll deżinjazzjonijiet addizzjonali, b’mod partikolari l-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika.

5 Fis-26 ta’ Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, p. 39), li l-Anness II tagħha jelenka l-persuni u l-entitajiet — minbarra dawk indikati mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet stabbilit permezz tar-Riżoluzzjoni 1737 (2006), imsemmija fl-Anness I — li l-assi tagħhom huma ffriżati. Il-premessa 22 tal-imsemmija deċiżjoni tagħmel riferiment għall-UNSCR 1929 (2010) u ssemmi li din ir-riżoluzzjoni tirrileva r-rabta potenzjali bejn id-dħul tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran mis-settur tagħha tal-enerġija u l-finanzjament tal-attivitajiet nukleari tagħha li jagħtu lok għal riskju ta’ proliferazzjoni.

6 Fit-23 ta’ Jannar 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/35/PESK, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK (ĠU L 19, p. 22). Skont il-premessa 13 ta’ din id-deċiżjoni, ir-restrizzjonijiet fuq l-ammissjoni u l-iffriżar ta’ fondi u ta’ riżorsi ekonomiċi għandhom jiġu applikati għal iktar persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran u li jippermettulu jkompli b’attivitajiet nukleari li jippreżentaw riskju ta’ proliferazzjoni jew l-iżvilupp ta’ sistemi ta’ konsenja ta’ armi nukleari, b’mod partikolari l-persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ finanzjarju, loġistiku jew materjali lill-Gvern tal-Iran.

7 L-Artikolu 1(7)(a)(ii) tad-Deċiżjoni 2012/35 żied il-punt li ġej mal-Artikolu 20(1) tad-Deċiżjoni 2010/413, li jipprevedi l-iffriżar ta' fondi li huma l-proprjetà tal-persuni u l-entitajiet:

"c) persuni jew entitajiet oħra mhumiex koperti mill-Anness I li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran, u persuni u entitajiet assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness II."

8 Konsegwentement, fit-23 ta' Marzu 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, p. 1). Sabiex jiġi implementat l-Artikolu 1(7)(a)(ii) tad-Deċiżjoni 2012/35, l-Artikolu 23(2) ta' dan ir-regolament jipprevedi l-iffriżar ta' fondi tal-persuni, tal-entitajiet u tal-organi elenkati fl-Anness IX tiegħu, li ġew identifikati li:

"d) huma persuni, entitajiet jew korpi oħrajn li jipprovdu appoġġ, bħal appoġġ materjali, loġistiku jew finanzjarju, lill-Gvern tal-Iran, u lill-persuni, u entitajiet assoċjati magħhom."

9 Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/635/PESK, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413 (ĠU L 282, p. 58). Skont il-premessa 16 ta' din id-deċiżjoni, għandhom jiġu inklużi persuni u entitajiet oħra fil-lista ta' persuni u entitajiet suġġetti għall-miżuri restrittivi stabbilita fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK, b'mod partikolari l-entitajiet tal-Istat tal-Iran li huma involuti fis-settur taż-żejt u tal-gass, minħabba li dawn jipprovdu sors ta' dħul sostanzjali għall-Gvern tal-Iran.

10 L-Artikolu 1(8)(a) tad-Deċiżjoni 2012/635 emenda l-Artikolu20(1)(c) tad-Deċiżjoni 2010/413, li jipprevedi konsegwentement li dawn għandhom ikunu suġġetti għal miżuri restrittivi:

"c) persuni jew entitajiet oħra mhux koperti mill-Anness I li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran u entitajiet ta' proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom jew li huwa assoċjati magħhom, kif elenkat fl-Anness II."

11 L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2012/635 inkluda, fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413, l-ismijiet tal-entità bl-isem National Iranian Oil Co. (iktar 'il quddiem "NIOC"), peress li din l-entità, li hija proprjetà tal-Istat tal-Iran u amministrata minnu, kienet tipprovdi riżorsi finanzjarji lill-Gvern tal-Iran, kif ukoll tal-entità bl-isem Naftiran Intertrade Co. (iktar 'il quddiem "NICO"), entità li hija proprjetà sa 100 % ta' NIOC, u tal-entità bl-isem Petropars Ltd (iktar 'il quddiem "PPL"), sussidjarja ta' NICO.

12 Konsegwentement, fl-istess ġurnata, il-Kunsill adotta r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 945/2012, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 (ĠU L 282, p. 16). L-Artikolu 1 tal-imsemmi regolament ta' implementazzjoni inkluda l-ismijiet tal-entitajiet bl-isem NIOC, NICO u PPL fl-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012 rispettivament għall-istess raġunijiet bħal dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni 2012/635.

13 Fl-21 ta' Diċembru 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 1263/2012, li jemenda r-Regolament Nru 267/2012 (ĠU L 356, p. 34). L-Artikolu 1(11) ta' dan ir-regolament emenda l-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012, li jipprevedi ukoll l-iffirżar tal-fondi tal-persuni, l-entitajiet u l-organi elenkati fl-Anness IX tiegħu, li ġew irrikonoxxuti:

"d) li huma persuni, entitajiet jew korpi oħrajn li jipprovdu appoġġ, bħal appoġġ materjali, loġistiku jew finanzjarju, lill-Gvern tal-Iran, u l-entitajiet li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom, u persuni, u entitajiet assoċjati magħhom."

14 Fis-6 ta' Ġunju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/270/PESK. li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK (ĠU L 156, p. 10, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"). L-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni inkluda l-ismijiet tar-rikorrenti fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413, li tinkludi l-lista tal-"[p]ersuni u [ta'] entitajiet involuti f'attivitajiet nukleari jew relatati ma' [missili] ballistiċi u persuni u [ta'] entitajiet li jagħtu appoġġ lill-Gvern [Iranjan]".

15 Konsegwentement, fl-istess ġurnata, il-Kunsill adotta r-Regolament li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 522/2013, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 (ĠU L 156, p. 3, iktar 'il quddiem "ir-regolament ikkontestat"). L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament inkluda l-ismijiet tar-rikorrenti fit-tabella tal-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012, li tinkludi l-lista tal-ismijiet tal-"[p]ersuni u [tal-] entitajiet involuti f'attivitajiet nukleari jew relatati ma' [missili] ballistiċi u [tal-] persuni u entitajiet li jagħtu appoġġ lill-Gvern [Iranjan]".

16 PPI ġiet inkluża fil-lista li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 kif ukoll fil-lista li tinsab fl-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012 (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, il-"listi") permezz tad-deċiżjoni u tar-regolament ikkontestati (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, l-"atti kkontestati") peress li din kienet "sussidjarja tal-entità bl-isem Petropars Ltd". Fir-rigward tat-tliet rikorrenti l-oħra, il-Kunsill adotta r-raġunijiet li ġejjin: "sussidjarja tal-entità bl-isem [PPI]".

17 L-atti kkontestati ġew ikkomunikati lir-rikorrenti bl-ittri tal-10 ta' Ġunju 2013.

18 B'ittra tas-7 ta' Awwissu 2013, ir-rikorrenti kkontestaw il-miżuri restrittivi adottati fil-konfront tagħhom u talbu lill-Kunsill li jispeċifika l-bażi legali tal-inklużjoni rispettiva tagħhom, li jippreżenta r-raġunijiet li ġġustifikaw din l-inklużjoni, li jipprovdi kopji tal-informazzjoni u l-provi kollha li huwa bbaża ruħu fuqhom sabiex jadotta l-atti kkontestati kif ukoll tad-dokumenti kollha li jinsabu fil-fajl tiegħu. Barra minn hekk, huwa enfasizzat f'din l-ittra li l-imsemmija atti ġew innotifikati biss lil PPI.

19 Fit-12 ta' Awwissu 2013, il-Kunsill ikkonferma li kien irċieva l-ittra tar-rikorrenti tas-7 ta' Awwissu 2013 u indika li din l-ittra kienet qiegħda tiġi eżaminata.

**Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet**

20 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-20 ta' Awwissu 2013, ir-rikorrenti ppreżentaw dan ir-rikors.

21 Peress illi kien hemm bidla fil-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti Ġenerali u l-Imħallef Relatur ġie assenjat lis-Seba' Awla, din il-kawża ġiet għalhekk assenjata lil din l-Awla.

22 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-atti kkontestati, sa fejn dawn jikkonċernahom;

— tiddikjara l-Artikolu 20(1)(c) tad-Deċiżjoni 2010/413 u l-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012 inapplikabbli fil-konfront tagħhom;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

23 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors infondat;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

24 Peress li żewġ membri tal-Awla ma setgħux jassumu posthom, il-President tal-Qorti Ġenerali ħatar, skont l-Artikolu 32(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, imħallef ieħor sabiex jikkompleta l-Awla.

**Id-dritt**

25 Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw ħames motivi. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-assenza ta' bażi legali għad-deżinjazzjoni tar-rikorrenti. It-tieni motiv huwa bbażat fuq żball ta' evalwazzjoni. It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-illegalità tal-Artikolu 20(1)(c) tad-Deċiżjoni 2010/413 u tal-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012 jekk dawn id-dispożizzjonijiet jipprevedu s-sussidjarji ta' entitajiet inklużi. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq ksur tad-dritt tal-proprjetà, tad-dritt għall-eżerċizzju ta' attività kummerċjali, tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-ambjent kif ukoll tal-valuri umanitarji tal-Unjoni Ewropea u, fi kwalunkwe każ, tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' prekawzjoni. Il-ħames motiv, invokat sussidjarjament, huwa bbażat fuq l-assenza ta' notifika fir-rigward ta' żewġ rikorrenti u fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

26 Waqt is-seduta, ir-rikorrenti rrinunzjaw milli jinvokaw it-tielet motiv tagħhom, u ta' dan ittieħed nota fil-proċess verbali tal-imsemmija seduta. Peress li t-tielet motiv huwa l-uniku motiv imqajjem fir-rikors insostenn tat-tieni kap tat-talbiet, dan tal-aħħar għandu għalhekk jiġi miċħud bħala inammissibbli.

*Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' bażi legali għad-deżinjazzjoni tar-rikorrenti*

27 Ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li l-inklużjoni ta' isimhom fil-listi ma għandha l-ebda bażi legali. Fl-opinjoni tagħhom, il-fatt li tkun sussidjarja ta' entità inkluża ma jifformax parti mill-kriterji previsti fl-Artikolu 20(1) tad-Deċiżjoni 2010/413 u lanqas fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 267/2012.

28 Fir-replika tagħhom, ir-rikorrenti jenfasizzaw, qabel xejn, li kien biss fir-risposta li l-Kunsill iġġustifika l-inklużjoni ta' isimhom fil-listi abbażi tal-fatt li huma kienu proprjetà ta' jew ikkontrollati minn NIOC.

29 Sussegwentement, ir-rikorrenti jsostnu li l-fatt li tkun sussidjarja ta' entità ddeżinjata bħala li tipprovdi appoġġ lill-Gvern Iranjan ma jikkostitwixxix raġuni li tippermetti l-inklużjoni ta' isimhom fil-listi, peress li dan ma jfissirx li din is-sussidjarja hija proprjetà ta' jew hija kkontrollata minn din l-entità.

30 Fl-aħħar, ir-rikorrenti jenfasizzaw li l-Kunsill jista' jinkludi fil-listi l-isem ta' entità li hija proprjetà jew ikkontrollata minn entità oħra biss jekk din tal-aħħar hija stess inkluża abbażi ta' kriterju legali marbut mal-adozzjoni ta' miżuri restrittivi. Issa, f'dan il-każ, l-ismijiet ta' PPL u ta' PPI ma ġewx inklużi fil-listi abbażi ta' tali kriterju.

31 Il-Qorti Ġenerali tikkunsidra li, l-kwistjoni mqajma fil-kuntest tal-ewwel motiv hija dik dwar jekk l-atti kkontestati jippermettux lir-rikorrenti jidentifikaw il-kriterju li jikkostitwixxi l-bażi legali li abbażi tagħha huma ġew inklużi fil-listi. Għaldaqstant, din il-kwistjoni għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-ġurisprudenza marbuta mal-obbligu ta' motivazzjoni impost fuq il-Kunsill meta dan jadotta miżuri restrittivi. Għalhekk, l-argumenti marbuta mal-legalità fil-mertu tal-atti kkontestati, b'mod partikolari dawk marbuta mal-assenza ta' kontroll eżerċitat minn PPI fuq is-sussidjarji tagħha u mal-privatizzazzjoni ta' PPL, ser jiġu eżaminati mat-tieni motiv, ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni.

32 Qabel kollox, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward ta' att li jikkawża preġudizzju, li jikkostitwixxi korollarju għall-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża, għandu l-għan, minn naħa, li jipprovdi lill-persuna kkonċernata indikazzjoni suffiċjenti sabiex ikun jista' jiġi stabbilit jekk l-att huwiex fondat jew jekk huwiex eventwalment ivvizzjat b'difett li jippermetti l-kontestazzjoni tal-validità tiegħu quddiem il-qorti tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, li jippermetti lil din tal-aħħar teżerċita l-istħarriġ tagħha tal-legalità ta' dak l-att (ara s-sentenza tal-15 ta' Novembru 2012, Il-Kunsill vs Bamba, C-417/11 P, EU:C:2012:718, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Il-motivazzjoni rikjesta mill-Artikolu 296 TFUE għandha turi b'mod ċar u mingħajr ekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, awtur tal-att, b'tali mod li tippermetti lill-individwi kkonċernati li jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżuri adottati u lill-qorti kompetenti li teżerċita l-istħarriġ tagħha (sentenza Il-Kunsill vs Bamba, punt 32 iktar 'il fuq, EU:C:2012:718, punt 50). Għaldaqstant, bħala regola ġenerali, il-motivazzjoni għandha tiġi kkomunikata lill-persuna kkonċernata fl-istess ħin bħall-att li jikkawżalha preġudizzju, u l-assenza ta' motivazzjoni ma tistax tiġi rregolarizzata mill-fatt li l-persuna kkonċernata ssir taf il-motivi tal-att matul il-proċedura quddiem il-qorti tal-Unjoni (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, Organisation des Modjahedines du peuple d'Iran vs Il-Kunsill, imsejħa "OMPI I", T-228/02, Ġabra, EU:T:2006:384, punt 139).

34 Sussegwentement, f'dak li jirrigwarda l-miżuri restrittivi adottati fil-qafas tal-politika barranija u tas-sigurtà komuni, hemm lok li jiġi enfasizzat li, sa fejn il-persuna kkonċernata ma għandhiex dritt li tinstema' qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni inizjali ta' inklużjoni, l-osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni hija iktar importanti, għaliex hija tikkostitwixxi l-unika garanzija li tippermetti lill-persuna kkonċernata, speċjalment wara l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, li tagħmel użu effettiv mir-rimedji għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tikkontesta l-legalità tal-imsemmija deċiżjoni (sentenzi Il-Kunsill vs Bamba, punt 32 iktar 'il fuq, EU:C:2012:718, punt 51, u OMPI I, punt 33 iktar 'il fuq, EU:T:2006:384, punt 140).

35 Għaldaqstant, il-motivazzjoni ta' att tal-Kunsill li jimponi miżura restrittiva ma għandhiex sempliċiment tidentifika l-bażi legali ta' din il-miżura, iżda wkoll ir-raġunijiet speċifiċi u konkreti li abbażi tagħhom il-Kunsill ikkunsidra, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu, li l-persuna kkonċernata għandha tiġi ssuġġettata għal tali miżura (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi OMPI I, punt 33 iktar 'il fuq, EU:T:2006:384, punt 146; u tal-14 ta' Ottubru 2009, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, T-390/08, Ġabra, EU:T:2009:401, punt 83, u Il-Kunsill vs Bamba, punt 32 iktar 'il fuq, EU:C:2012:718, punt 52).

36 Madankollu, il-motivazzjoni għandha tkun adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għall-kuntest li fih ġie adottat. Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari tal-kontenut tal-att, tan-natura tal-motivi invokati u tal-interess li jista' jkollhom id-destinatarji jew persuni oħra kkonċernati direttament jew individwalment mill-att li jirċievu spjegazzjonijiet. Ma huwiex mitlub li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti ta' fatt u ta' liġi rilevanti kollha, sa fejn in-natura suffiċjenti ta' motivazzjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl mhux biss tal-formulazzjoni tagħha, iżda anki fid-dawl tal-kuntest tagħha u tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat. B'mod partikolari, att li jikkawża preġudizzju jkun motivat b'mod suffiċjenti jekk jiġi adottat f'kuntest magħruf mill-persuna kkonċernata, li permezz tiegħu tkun tista' tifhem il-portata tal-miżura meħuda fir-rigward tagħha (sentenza Il-Kunsill vs Bamba, punt 32 iktar 'il fuq, EU:C:2012:718, punti 53 u 54; OMPI I, punt 33 iktar 'il fuq, EU:T:2006:384, punt 141, u Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, punt 35 iktar 'il fuq, EU:T:2009:401, punt 82).

37 F'dan il-każ, jeħtieġ li jitfakkar li l-isem ta' PPI ġie inkluż fil-listi minħabba li din kienet sussidjarja tal-entità ddeżinjata PPL, filwaqt li t-tliet rikorrenti l-oħra ġew iddeżinjati, minħabba li kienu sussidjarji ta' PPI.

38 Għandu jiġi kkonstatat li din il-motivazzjoni ma tindikax b'mod espliċitu l-bażi legali tal-atti kkontestati. Madankollu, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt 36 iktar 'il fuq, ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat skont iċ-ċirkustanzi tal-każ. Għaldaqstant hemm lok li jiġu eżaminati l-motivi tal-atti kkontestati fid-dawl tal-kliem tagħhom, iżda wkoll tal-kuntest li fih l-imsemmija atti ġew adottati kif ukoll tal-motivi invokati fil-konfront ta' NIOC u ta' entitajiet oħra li jiffurmaw parti mill-grupp ikkontrollat minn din il-kumpannija.

39 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, jeħtieġ li jitfakkar li l-Artikolu 20(1)(c) tad-Deċiżjoni 2010/413 u l-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012 jipprevedu l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi tal-entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern Iranjan. Id-dispożizzjonijiet surreferiti jipprevedu wkoll

l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi fil-konfront tal-entitajiet li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn entità li tipprovdi appoġġ lill-imsemmi Gvern. Kif jenfasizzaw ir-rikorrenti, għalhekk entità tista' tiġi inkluża fil-listi abbażi ta' dan l-aħħar imsemmi kriterju biss jekk il-kumpannija parent tagħha li tkun il-proprjetarja tagħha jew li tikkontrollaha tkun tipprovdi tali appoġġ, fatt li ma huwiex ikkontestat mill-Kunsill.

40 Fit-tieni lok, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-użu tal-kelma "sussidjarja" fil-motivazzjoni tal-inklużjoni tal-isem ta' kull waħda mir-rikorrenti jippermettu lil dawn tal-aħħar li jifhmu li l-Kunsill kien iddeċieda li jinkludi isimhom fil-listi mhux abbażi ta' kriterju ta' inklużjoni li jindirizza l-entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern Iranjan, iżda abbażi ta' kriterju ta' inklużjoni maħsub għall-entitajiet li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn entità li tipprovdi appoġġ lill-imsemmi Gvern. Fil-fatt, din il-kelma neċessarjament tagħmel riferiment għall-eżistenza ta' kontroll minn kumpannija parent li jista' jirriżulta, b'mod partikolari, mill-eżistenza ta' rabtiet kapitalistiċi bejn din tal-aħħar u s-sussidjarja inkwistjoni. Billi ssemmi li r-rikorrenti huma "sussidjarji", il-motivazzjoni tindika għaldaqstant b'mod ċar l-eżistenza ta' proprjetà jew ta' kontroll fis-sens tad-Deċiżjoni 20110/413 u tar-Regolament Nru 267/2012.

41 Fit-tielet lok, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, ċertament, l-atti kkontestati ma jindikawx b'mod espliċitu liema entità, li isimha ġie inkluż fil-listi minħabba appoġġ ipprovdut lill-Gvern Iranjan, hija proprjetarja jew tikkontrolla lir-rikorrenti. Fil-fatt, PPI, il-kumpannija parent tat-tliet rikorrenti l-oħra, ma ġietx inkluża fil-listi peress li hija tipprovdi appoġġ lill-imsemmi Gvern, iżda peress li hija kienet sussidjarja ta' PPL, li isimha kien inkluż fil-listi minħabba li hija kienet sussidjarja ta' NICO.

42 Madankollu, f'dan il-każ, fid-dawl tal-kuntest li fih saru l-atti kkontestati u, b'mod partikolari, tal-inklużjoni tal-isem ta' NIOC fil-listi kif ukoll ta' dik tal-ismijiet tal-entitajiet l-oħra li huma proprjetà jew huma kkontrollati minn din l-entità, hemm lok li jiġi kkunsidrat li r-rikorrenti jistgħu raġonevolment jidentifikaw lil NIOC bħala kumpannija parent li hija l-proprjetarja tagħhom jew li tikkontrollahom u, għaldaqstant, il-bażi legali tal-inklużjoni tagħhom, mingħajr ma jirċievu iktar spjegazzjonijiet.

43 Fil-fatt, fl-ewwel lok, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-listi li fihom ġew inklużi r-rikorrenti, riprodotti fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012, isemmu l-ismijiet tal-"[p]ersuni u [ta'] entitajiet involuti f'attivitajiet nukleari jew relatati ma' [missili] ballistiċi u persuni u [ta'] entitajiet li jagħtu appoġġ lill-Gvern [Iranjan]". Fost dawn tal-aħħar hemm, mhux biss l-isem ta' NIOC, li l-inklużjoni tagħha hija ġġustifikata mill-fatt li l-imsemmija kumpannija tipprovdi riżorsi finanzjarji lill-imsemmi Gvern, iżda wkoll l-ismijiet ta' numru kbir ta' entitajiet li din il-kumpannija hija proprjetarja tagħhom b'mod dirett jew indirett. NIOC għaldaqstant hija fil-quċċata ta' grupp kbir ta' kumpanniji u l-katina taż-żamma li torbot lil din il-kumpannija mar-rikorrenti tista' faċilment tiġi identifikata fid-dawl tal-motivi ta' inklużjoni tal-entitajiet differenti li jiffurmaw parti minn dan il-grupp.

44 B'mod partikolari, l-inklużjoni fil-listi tal-isem ta' PPL, identifikata bħala l-kumpannija parent ta' PPI, minħabba l-fatt li kienet sussidjarja ta' NICO, li isimha wkoll kien inkluż fil-listi peress li din tal-aħħar kienet sussidjarja ta' NIOC, kienet tippermetti lil PPI kif ukoll lill-erba' rikorrenti l-oħra li jifhmu li huma kienu indirizzati mill-miżuri restrittivi minħabba l-fatt li huma kienu indirettament proprjetà ta', jew ikkontrollati minn NIOC, l-unika entità fi ħdan il-grupp li isimha ġie inkluż fil-listi minħabba l-provvista ta' appoġġ lill-Gvern Iranjan, kif previst mill-Artikolu 20(1)(c) tad-Deċiżjoni 2010/413 kif ukoll mill-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012. Għaldaqstant, eżaminata fid-dawl ta' dawn il-listi, il-motivazzjoni tal-atti kkontestati tippermetti lir-rikorrenti li jidentifikaw il-kriterju previst fid-dispożizzjonijiet surreferiti li ntuża bħala bażi legali għall-inklużjoni ta' isimhom fil-listi.

45 Fit-tieni lok, hemm lok li jiġi kkunsidrat li, peress li jiffurmaw parti mill-grupp ikkontrollat minn NIOC, ir-rikorrenti kellu jkollhom konoxxenza tal-miżuri restrittivi adottati fil-konfront ta' entitajiet oħra li jifformaw parti minn dan il-grupp u setgħu għaldaqstant jifhmu li, bħal dawn l-entitajiet l-oħra, l-inklużjoni ta' isimhom fil-listi kienet iġġustifikata fid-dawl tar-rabtiet ta' żamma u ta' kontroll li jeżistu bejniethom u NIOC.

46 Fit-tielet lok, mill-kontenut tar-rikors jirriżulta li, waqt l-adozzjoni tal-atti kkontestati, ir-rikorrenti kellhom l-informazzjoni neċessarja sabiex jifhmu r-raġunijiet għall-inklużjoni ta' isimhom fil-listi u, għaldaqstant, li jidentifikaw il-bażi legali għal din l-inklużjoni. Fil-fatt, fir-rikors ġiet riprodotta skema li tindika b'mod ċar il-kriterju li jiġġustifika l-inklużjoni ta' NIOC, jiġifieri l-kriterju ta' inklużjoni li jikkonċerna l-entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern Iranjan, kif ukoll il-katina taż-żamma li torbot lil din tal-aħħar ma' kull waħda mir-rikorrenti.

47 Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, jeħtieġ li jiġi konkluż li, minkejja li suċċinta u li ma tispeċifikax l-elementi rilevanti kollha ta' fatt u ta' dritt, il-motivazzjoni tal-atti kkontestati madankollu tippermetti lir-rikorrenti li jidentifikaw il-kriterju previst fl-Artikolu 20(1)(c) tad-Deċiżjoni 2010/413 kif ukoll fl-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012 li serva bħala bażi legali għall-inklużjoni ta' isimhom fil-listi. Fil-fatt, minn naħa, l-użu tat-terminu "sussidjarja" jindika b'mod ċar li l-inklużjoni tar-rikorrenti hija bbażata fuq il-kriterju ta' inklużjoni li jikkonċerna l-entitajiet miżmuma jew ikkontrollati minn entità li tipprovdi appoġġ lill-imsemmi Gvern, u, min-naħa l-oħra, il-kuntest li fih l-atti kkontestati ġew adottati jippermetti li tiġi identifikata l-entità inkwistjoni li, skont il-Kunsill, iżżommhom jew tikkontrollahom, jiġifieri NIOC, li l-inklużjoni ta' isimha, magħrufa mir-rikorrenti, kienet ibbażata fuq il-kriterju ta' inklużjoni li jikkonċerna l-entitajiet li jipprovdu appoġġ lil dan il-Gvern, kif previst mid-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq.

48 Għaldaqstant, fid-dawl ta' dak li ntqal, jeħtieġ li l-ewwel motiv jiġi miċħud bħala infondat.

*Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni*

49 Ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li l-Kunsill wettaq żball ta' evalwazzjoni billi kkunsidra li l-kriterju ta' inklużjoni previst fl-Artikolu 20(1)(ċ) tad-Deċiżjoni 2010/413 kif ukoll l-Artikolu 23(3)(d) tar-Regolament Nru 267/2012 kien issodisfatt.

50 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu li POSCO, POMC u PRE ma huma miżmuma b'titolu ta' proprjetà biss sa 97 %, sa 48 % u sa 49 % rispettivament minn PPI, b'tali mod li ma jistax jiġi preżunt li POSCO, POMC u PRE huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn PPI.

51 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jenfasizzaw li minn Marzu 2012, PPL ma għadhiex tinżamm minn NIOC jew minn NICO, peress li l-kapital azzjonarju kollu ta' din l-ewwel kumpannija ġie ttrasferit lejn il-fondi tal-pensjoni nazzjonali Iranjana u lejn l-organu ta' sigurtà soċjali. Għaldaqstant, huma jikkunsidraw li ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala miżmuma jew ikkontrollati minn NIOC fil-mument tal-inklużjoni ta' isimhom fil-listi fin-nuqqas ta' provi oħra mressqa mill-Kunsill.

52 Preliminarjament, hemm lok li jiġi enfasizzat li r-rikorrenti jsemmu fil-qasir ħafna fir-rikors li PPL, il-kumpannija parent ta' PPI, hija indipendenti mill-entitajiet li jinsabu 'il fuq minnha, jiġifieri NICO u NIOC, mingħajr ma jipprovdu ebda preċiżjoni f'dan ir-rigward. Kien biss fir-replika li r-rikorrenti bbażaw ruħhom fuq dan it-trasferiment ta' proprjetà sabiex juru li ma kinux iktar jinżammu minn NIOC waqt l-inklużjoni ta' isimhom fil-listi.

53 Fil-kontroreplika, il-Kunsill isostni li l-argument tar-rikorrenti li PPL ma kienx għadu jifforma parti mill-grupp ikkontrollat minn NIOC jikkontradixxi l-kontenut tar-rikors.

54 Jeħtieġ li jitfakkar li mid-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 44(1)(ċ) u tal-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura jirriżulta li r-rikors għandu jindika s-suġġett tal-kawża u għandu jkollu sunt tal-motivi mressqa u li ma huwiex permess li jitressqu motivi ġodda fil-mori tal-kawża sakemm dawn il-motivi ma jkunux ibbażati fuq elementi ta' liġi u ta' fatt li joħorġu matul il-proċedura. Madankollu, motiv li jikkostitwixxi ripetizzjoni ta' motiv imsemmi preċedentement, direttament jew impliċitament, fir-rikors promotur u li jkollu rabta mill-qrib miegħu għandu jiġi ddikjarat ammissibbli (sentenza tal-20 ta' Settembru 1990, Hanning vs Il-Parlament, T-37/89, Ġabra, EU:T:1990:49, punt 38). Rekwiżiti simili huma meħtieġa meta lment jiġi invokat insostenn ta' motiv (ara, pereżempju, is-sentenza tal-14 ta' Mejju 1998, Mo Och Domsjö vs Il-Kummissjoni, T-352/94, Ġabra EU:T:1998:103, punt 333).

55 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-argument żviluppat mir-rikorrenti fir-replika, li jikkontesta ż-żamma ta' PPL minn NICO, ma huwa bbażat fuq l-ebda element ġdid li ġie rrilevat matul il-proċedura. Barra minn hekk, dan l-argument ma jistax jiġi kkunsidrat bħala żvilupp ta' lment imsemmi preċedentement fir-rikors sa fejn dan bl-ebda mod ma jikkorrispondi mal-fatti ppreżentati mir-rikorrenti waqt il-preżentata tar-rikors.

56 Fil-fatt, fl-ewwel lok, fir-rikors, ir-rikorrenti irriproduċew skema tal-istruttura ġerarkika tal-grupp ta' kontroll minn NIOC li skontha din tal-aħħar kienet iżżomm integralment il-kapital azzjonarju ta' NICO, li min-naħa tagħha, kienet iżżomm 100 % tal-kapital azzjonarju ta' PPL, li kienet iżżomm il-kapital azzjonarju kollu ta' PPI, li kienet iżżomm il-kapital azzjonarju tar-rikorrenti l-oħra, li jammonta għal 97 % fil-każ ta' POSCO, għal 48 % fil-każ ta' POMC u għal 49 % fil-każ ta' PRE. Issa, għandu jiġi kkonstatat li l-katina ta' żamma kif deskritta ma tippreżenta l-ebda punt ta' ksur fir-rabtiet ta' żamma li jgħaqqdu lir-rikorrenti ma' NIOC.

57 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti, fl-ebda mument ma jsemmu fir-rikors li r-rabtiet eżistenti bejniethom u NIOC inkisru f'Marzu 2012, iżda jsostnu biss li dawn ir-rabtiet huma wisq fil-bogħod sabiex jissodisfaw il-kriterju ta' inklużjoni previst fl-Artikolu 20(1)(ċ) tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012.

58 Fit-tielet lok, fir-rikors, meta r-rikorrenti jsemmu li l-isem ta' PPL ġie inkluż fil-listi minħabba li kienet sussidjarja ta' NICO, ma tressaq l-ebda argument sabiex jiġi kkontestat dan il-motiv. Għall-kuntrarju, ir-rikorrenti jibbażaw ruħhom fuq dan il-fatt sabiex isostnu l-argument tagħhom li huma ma setgħux jiġu kkunsidrati bħala entitajiet marbuta ma' entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern Iranjan, peress li l-isem tal-kumpannija parent rispettiva tagħhom ma kienx inkluż fil-listi minħabba l-provvista ta' tali appoġġ, iżda bħala entità li tinżamm jew li hija kkontrollata minn entità li tipprovdi dan l-appoġġ.

59 Għaldaqstant, hemm lok li tinċaħad bħala infondata l-allegazzjoni li PPL ma tifformax iktar parti mill-grupp ikkontrollat minn NIOC minn Marzu 2012 u li tiġi eżaminata l-fondatezza tal-atti kkontestati unikament fir-rigward tal-katina ta' żamma kif deskritta fil-punt 56 iktar 'il fuq.

60 Prinċipalment, jeħtieġ li jitfakkar li l-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju ggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea teżiġi b'mod partikolari li, bħala parti mill-istħarriġ tal-legalità tal-motivi li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni li jiġi inkluż jew li jinżamm l-isem ta' persuna speċifika fil-listi, il-qorti tal-Unjoni għandha tiżgura ruħha li din id-deċiżjoni tkun bbażata fuq bażi fattwali suffiċjentement solida. Dan jimplika verifika tal-fatti allegati fl-espożizzjoni tal-motivi li huma l-bażi tal-imsemmija deċiżjoni, b'mod li l-istħarriġ ġudizzjarju ma jkunx limitat għall-evalwazzjoni tal-verosimiljanzja b'mod astratt tal-motivi invokati, iżda jirrigwarda l-punt jekk dawn il-motivi, jew, għall-inqas wieħed minnhom ikkunsidrat bħala suffiċjenti fih innifsu sabiex isostni din l-istess deċiżjoni, humiex sostnuti (sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, imsejħa "Kadi II", C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, Ġabra, EU:C:2013:518, punt 119).

61 Hija l-awtorità kompetenti tal-Unjoni li għandha, fil-każ ta' kontestazzjoni, tistabbilixxi l-fondatezza tal-motivi invokati kontra l-persuna kkonċernata, u mhux din tal-aħħar li tipproduċi l-prova negattiva tal-assenza ta' fondatezza tal-imsemmija motivi. Huwa importanti madankollu li l-informazzjoni jew

l-elementi prodotti jsostnu r-raġunijiet meqjusa kontra l-persuna kkonċernata. Jekk dawn l-elementi ma jippermettux li tiġi kkonstatata l-fondatezza ta' motiv, il-qorti tal-Unjoni għandha tiċħdu bħala appoġġ għad-deċiżjoni ta' inklużjoni jew ta' żamma tal-inklużjoni inkwistjoni (sentenza Kadi II, punt 60 iktar 'il fuq, EU:C:2013:518, punti 121 sa 123).

62 Sussegwentement, skont il-ġurisprudenza, meta l-fondi ta' entità rikonoxxuta bħala li tipprovdi appoġġ lill-Gvern Iranjan jiġu ffriżati, ikun hemm riskju kunsiderevoli li din tal-aħħar teżerċita pressjoni fuq l-entitajiet li huma proprjetà tagħha jew li hija tikkontrolla jew li jappartjenu lilha, sabiex tevita l-effett tal-miżuri li jindirizzaw lilha. Konsegwentement, l-iffriżar tal-fondi ta' dawn l-entitajiet impost mill-Kunsill permezz tal-Artikolu 20(1)(ċ) tad-Deċiżjoni 2010/413 u mill-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012, huwa neċessarju u xieraq sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-miżuri adottati u sabiex jiġi ggarantit li dawn il-miżuri ma jkunux evitati (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2012, Melli Bank vs Il-Kunsill, C-380/09 P, Ġabra, EU:C:2012:137, punti 39 u 58).

63 Għaldaqstant, waqt l-adozzjoni ta' deċiżjoni skont id-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq, il-Kunsill għandu jwettaq evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-każ sabiex jiddetermina liema entitajiet għandhom il-kwalità ta' entitajiet miżmuma jew ikkontrollati. Għall-kuntrarju, in-natura tal-attività tal-entità kkonċernata u l-assenza eventwali ta' rabta bejn din l-attività u l-provvista ta' appoġġ lill-Gvern Iranjan ma humiex kriterji rilevanti f'dan il-kuntest, peress li l-adozzjoni ta' miżura ta' ffriżar tal-fondi li tikkonċerna l-entità miżmuma jew ikkontrollata ma hijiex immotivata mill-fatt li hija tipprovdi hija stess direttament appoġġ lill-imsemmi Gvern (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza Melli Bank vs Il-Kunsill, punt 62 iktar 'il fuq, EU:C:2012:137, punti 40 sa 42).

64 Fl-aħħar, dejjem skont il-ġurisprudenza, meta l-kapital azzjonarju ta' entità jkun miżmum integralment minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern Iranjan, il-kriterju ta' inklużjoni previst fl-Artikolu 20(1)(ċ) tad-Deċiżjoni 22010/413 kif ukoll l-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012 ikun issodisfatt (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza Melli Bank vs Il-Kunsill, punt 62 iktar 'il fuq, EU:C:2012:137, punt 79).

65 F'dan il-każ, il-Kunsill ikkunsidra li, peress li NIOC kienet iżżomm 100 % tal-kapital azzjonarju ta' NICO, li kienet iżżomm min-naħa tagħha 100 % tal-kapital azzjonarju ta' PPL, li kienet iżżomm min-naħa tagħha l-kapital azzjonarju kollu ta' PPI, li kienet iżżomm il-kapital azzjonarju tar-rikorrenti l-oħra, fil-perċentwal ta' 97 % fil-każ ta' POSCO, 48 % fil-każ ta' POMC u 49 % fil-każ ta' PRE, kull waħda mir-rikorrenti kellha tiġi kkunsidrata bħala miżmuma jew ikkontrollata minn NIOC fis-sens tal-Artikolu 20(1)(ċ) tad-Deċiżjoni 2010/413 u tal-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012.

66 Għalhekk, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk, fid-dawl ta' din il-katina taż-żamma, u għal kull waħda mir-rikorrenti, il-Kunsill wettaqx żball ta' evalwazzjoni meta kkunsidra li l-kriterju ta' inklużjoni li jirrigwarda l-entitajiet miżmuma minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern Iranjan kien issodisfatt.

67 Fl-ewwel lok, fir-rigward ta' PPI, li hija sussidjarja ta' NIOC, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-Kunsill ma wettaqx żball ta' evalwazzjoni meta inkluda l-isem ta' din l-entità fil-listi.

68 Fil-fatt, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 64 iktar 'il fuq, iż-żamma integrali tal-kapital azzjonarju ta' entità minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern Iranjan timplika, waħidha, li l-kriterju ta' inklużjoni previst fl-Artikolu 20(1)(ċ) tad-Deċiżjoni 2010/413 kif ukoll fl-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012 huwa ssodisfatt. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni, li fih hemm inkluża wkoll il-kwistjoni tar-rapporti bejn sussidjarja u l-kumpannija parent tagħha, il-preżenza ta' kumpanniji intermedjarji bejn dawn iż-żewġ kumpanniji bl-ebda mod ma taffettwa l-applikazzjoni tal-preżunzjoni konfutabbli li l-kumpannija parent inkwistjoni teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir tas-sussidjarja tagħha. Fil-fatt huwa kkunsidrat li tali influwenza tista' tiġi eżerċitata indirettament, permezz tal-kumpanniji intermedjarji (ara, f'dan

is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Jannar 2011, General Química *et* vs Il-Kummissjoni, C-90/09 P, Ġabra, EU:C:2011:21, punt 88, u tas-27 ta' Settembru 2012, Shell Petroleum *et* vs Il-Kummissjoni, T-343/06, Ġabra, EU:T:2012:478, punt 52).

69 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkunsidrat li, meta l-kapital azzjonarju ta' entità ikun miżmum indirettament minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern Iranjan, il-kriterju ta' inklużjoni previst fl-Artikolu 20(1)(ċ) tad-Deċiżjoni 2010/413 kif ukoll fl-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012 ikun issodisfatt u dan, indipendentement mill-preżenza u min-numru ta' kumpanniji intermedjarji bejn din il-kumpannija parent u l-entità miżmuma, sa fejn kull waħda minn dawn l-entitajiet b'hekk preżenti fil-katina taż-żamma tkun miżmuma integralment mill-kumpannija parent diretta u rispettiva tagħha. Fil-fatt, f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-entità parent iżżomm kontroll uniku u esklużiv fuq is-sussidjarji kollha tagħha u hija għalhekk f'pożizzjoni, permezz ta' kumpanniji intermedjarji, li teżerċita pressjoni fuq l-entità li hija żżomm indirettament sabiex tevita l-effett tal-miżuri li jirrigwardawha, li jiġġustifika b'hekk l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi fil-konfront ta' din l-entità miżuma indirettament.

70 F'dan il-każ, jeħtieġ li jiġi konkluż li l-inklużjoni fil-listi tal-isem ta' PPI, li l-kapital azzjonarju tagħha kien miżmum 100 % minn PPL, li l-kapital azzjonarju tagħha kien miżmum integralment minn NICO, li l-kapital azzjonarju tagħha kien miżmum 100 % minn NIOC, kienet iġġustifikata fid-dawl tal-kriterju li jirrigwarda l-entitajiet miżmuma jew ikkontrollati minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern Iranjan.

71 Fit-tieni lok, fir-rigward ta' POSCO, hemm lok li jitfakkar li kważi l-kapital kollu, jiġifieri 97 %, tal-kapital azzjonarju ta' din l-entità kien miżmum minn PPI.

72 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni jirriżulta li kumpannija parent hija f'pożizzjoni li teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir tas-sussidjarja tagħha meta hija jkollha l-kapital kollu jew anki kważi kollu ta' din is-sussidjarja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Settembru 2009, Arkema vs Il-Kummissjoni, T-168/05, EU:T:2009:367, punt 71).

73 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkunsidrat li, meta t-totalità jew kważi totalità tal-kapital azzjonarju ta' entità ikun miżmum minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern Iranjan, il-kriterju ta' inklużjoni previst fl-Artikolu 20(1)(c) tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012 ikun issodisfatt.

74 F'dan il-każ, minħabba l-preżenza ta' tliet kumpanniji intermedjarji bejn NIOC u POSCO u l-fatt li PPI ma hijiex il-proprjetarja esklużiva ta' POSCO, il-Kunsill ma wettaqx żball ta' evalwazzjoni billi adotta miżuri restrittivi fil-konfront ta' din tal-aħħar.

75 Fil-fatt, kif indikat fil-punti 68 u 69 iktar 'il fuq, in-numru ta' kumpanniji intermedjarji ma għandux effett fuq il-kapaċità ta' kumpannija parent li tinfluwenza b'mod rilevanti l-aġir tas-sussidjarja tagħha meta l-kapital azzjonarju ta' din tal-aħħar kif ukoll dak ta' kull waħda mill-kumpanniji interposti jkun miżmum integralment mill-imsemmija kumpannija parent. L-istess konklużjoni hija applikabbli meta ż-żamma tal-kapital tas-sussidjarja u tal-imsemmija kumpanniji tkun kważi totali, bħal f'dan il-każ fejn, permezz ta' PPI, NIOC kienet iżżomm 97 % tal-kapital azzjonarju ta' POSCO. Fil-fatt, jista' raġonevolment jiġi kkunsidrat li, minħabba l-eżistenza ta' rabtiet ta' żamma esklużivi jew kważi esklużivi bejn NIOC u PPI, din tal-aħħar tibqa' suġġetta għal kontroll esklużiv u uniku ta' din il-kumpannija parent.

76 Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi konkluż li l-Kunsill ma wettaqx żball ta' evalwazzjoni meta kkunsidra li POSCO kienet miżmuma minn NIOC u li jiġi miċħud it-tieni motiv bħala infondat fir-rigward ta' din ir-rikorrenti.

77 Fit-tielet lok, fir-rigward ta' POMC u ta' PRE, il-Kunsill isostni li, skont il-ġurisprudenza marbuta mad-dritt tal-kompetizzjoni, il-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti ta' kumpannija parent fuq is-sussidjarja tagħha japplika wkoll meta żewġ kumpanniji jkunu f'sitwazzjoni

analoga għal dik li fiha kumpannija żżomm il-kapital azzjonarju kollu tas-sussidjarja tagħha. F'dan il-każ, peress li l-kapital azzjonarju ta' POMC huwa miżmum konġuntement minn PPI u minn Global O & M Company, sal-perċentwal ta' 48 % u 47 % rispettivament, u li PRE hija impriża komuni li l-kapital azzjonarju tagħha kien miżmum minn PPI u minn Telford International sal-perċentwal ta' 49 % u ta' 47 % rispettivament, il-Kunsill ikkunsidra li l-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 64 hija rilevanti u li POMC u PRE għandhom għaldaqstant jiġu kkunsidrati bħala kkontrollati indirettament minn NIOC permezz, b'mod partikolari, ta' PPI.

78 Barra minn hekk, waqt is-seduta, il-Kunsill sostna li, peress li PPI kienet iżżomm perċentwal fil-kapital azzjonarju ta' POMC ogħla minn dak miżmum minn Global O & M Company u perċentwal fil-kapital azzjonarju ta' PRE ogħla minn dak miżmum minn Telford International, seta' jiġi preżunt li din l-entità kellha l-aħħar kelma u setgħet timponi d-deċiżjonijiet tagħha fuq POMC u fuq PRE.

79 Il-Qorti Ġenerali madankollu tikkunsidra li, f'dan il-każ, fir-rigward ta' POMC u ta' PRE, il-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti fuqhom mill-kumpannija parent tagħhom ma tistax tapplika.

80 Fil-fatt, qabel xejn, fir-rigward tal-argument marbut maż-żamma konġunta tal-kapitali azzjonarji ta' POMC u ta' PRE, jeħtieġ li jiġi nnutat li, b'mod kuntrarju għal PPI, Global O & M Company u Telford International ma ġewx suġġetti għal miżuri restrittivi. Issa, f'dawn iċ-ċirkustanzi, ma huwiex fl-interess ta' dawn l-aħħar żewġ kumpanniji li jgħinu lil PPI teżerċita pressjoni fuq is-sussidjarja komuni tagħhom sabiex jiġi evitat l-effett tal-miżuri restrittivi li jikkonċernaw biss lil din tal-aħħar. Għaldaqstant, ma jistax jiġi kkunsidrat li s-sitwazzjoni hija analoga għal dik li fiha entità waħda tkun iżżomm il-kapital azzjonarju kollu tas-sussidjarja tagħha peress li, f'dan il-każ, l-eżistenza ta' kontroll konġunt jista' jipprekludi lil PPI u, konsegwentement lil NIOC, milli teżerċita pressjoni fuq POMC u PRE sabiex tevita l-effett tal-miżuri restrittivi li jikkonċernawha.

81 Sussegwentement, hemm lok li jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, iż-żamma ta' 60% tal-kapital azzjonarju ta' entità ma timplikax, waħidha, li l-kriterju ta' inklużjoni previst fl-Artikolu 20(1)(ċ) tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012 huwa ssodisfatt [sentenza tas-6 ta' Settembru 2013, Persia International Bank vs Il-Kunsill, T-493/10, Ġabra (Estratti), EU:T:2013:398, punt 106]. *A fortiori*, f'dan il-każ, iż-żamma fil-perċentwali ta' 48 % u ta' 49 % rispettivament tal-kapital azzjonarju ta' POMC u ta' PRE ma hijiex suffiċjenti sabiex waħidha tippermetti, fid-dawl tal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 64 iktar 'il fuq, li tiġi ġġustifikata l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi li jikkonċernaw lil dawn l-entitajiet.

82 Fl-assenza taż-żamma minn PPI tat-totalità jew tal-kawżi totalità tal-kapital azzjonarju ta' POMC u ta' PRE, jeħtieġ għaldaqstant li jiġi eżaminat jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, jeżistix riskju kunsiderevoli li dawn l-aħħar imsemmija żewġ kumpanniji jaslu sabiex jevitaw l-effett tal-miżuri restrittivi li jikkonċernaw lil NIOC.

83 Issa, għandu jiġi kkonstatat li l-Kunsill ma jipproduċi l-ebda prova li tippermetti lill-Qorti Ġenerali tikkunsidra li PPI kienet f'pożizzjoni li teżerċita kontroll fuq POMC jew fuq PRE. Fil-fatt, minkejja li l-parti miżmuma minn PPI fil-kapital azzjonarju ta' dawn tal-aħħar hija ftit ogħla minn dik miżmuma mill-azzjonisti prinċipali l-oħra ta' dawn l-entitajiet, din tal-aħħar tibqa' parti f'minoranza. Għaldaqstant ma jistax jiġi preżunt li PPI kellha s-setgħa li tinnomina iktar min-nofs tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' POMC u nofs il-membri tal-bord tad-diretturi ta' PRE li fiha, b'xi mod ieħor, l-aħħar kelma fi ħdan il-bordijiet ta' diretturi ta' dawn l-entitajiet.

84 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi konkluż li l-Kunsill wettaq żball ta' evalwazzjoni meta kkunsidra li POMC u PRE kienu miżmuma jew ikkontrollati minn NIOC.

85 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, jeħtieġ li jinċaħad it-tieni motiv bħala infondat fir-rigward ta' PPI u ta' POSCO u li dan jintlaqa' fir-rigward ta' POMC u ta' PRE. Konsegwentement, hemm lok li jiġu annullati l-atti kkontestati sa fejn dawn jikkonċernaw lil dawn iż-żewġ rikorrenti.

*Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għall-proprjetà, tad-dritt li tiġi eżerċitata attività kummerċjali, tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-ambjent kif ukoll tal-valuri umanitarji tal-Unjoni u, fi kwalunkwe każ, tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' prekawzjoni*

86 Ir-rikorrenti jsostnu li l-atti kkontestati jikkostitwixxu ksur tal-libertajiet u d-drittijiet fundamentali.

87 Qabel xejn, ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li l-atti kkontestati jiksru d-dritt tagħhom għall-proprjetà u d-dritt tagħhom li jeżerċitaw attività kummerċjali u huma sproporzjonati inkwantu l-għan segwit.

88 Sussegwentement, ir-rikorrenti jsostnu li l-atti kkontestati jistgħu jikkawżaw danni kunsiderevoli lill-ambjent kif ukoll lis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u ta-ċittadini Iranjani, inklużi t-tfal. Fil-fatt, huma jikkonfermaw li, minħabba s-sanzjonijiet, huma mhux ser ikunu f'pożizzjoni li jikkompletaw il-fażi 19 tal-proġett ta' esplojtazzjoni ta' South Pars li t-twettiq tiegħu huwa essenzjali sabiex jiġi evitat nuqqas ta' gass fl-Iran matul ix-xitwa. Barra minn hekk, fir-replika, huma jispeċifikaw li l-biċċa l-kbira tal-materjal u tas-servizzi tekniċi użati joriġinaw minn pajjiżi membri tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-impossibbiltà li jinkiseb materjal iġġiegħel lir-Repubblika Iżlamika tal-Iran sabiex tirrikorri għal kombustibbli oħra ta' tisħin iktar dannużi għall-ambjent u li jżidu r-riskji għas-saħħa u għas-sigurtà tal-persuni ħajjin u li jaħdmu madwar proġetti ta' esplojtazzjoni.

89 Fid-dawl ta' dawn ir-riskji, ir-rikorrenti jqisu li l-Kunsill kiser il-prinċipju ta' prekawzjoni. Dan tal-aħħar kellu fil-fatt jieħu inkunsiderazzjoni l-effetti tal-iffriżar tal-assi tagħhom qabel ma jadotta l-atti kkontestati.

90 Fl-aħħar, ir-rikorrenti jsostnu li l-miżuri adottati mill-Kunsill huma sproporzjonati inkwantu l-oġġettiv iddikjarat tagħhom.

91 Il-Qorti Ġenerali tqis li hemm lok li jinċaħdu l-argumenti kollha mressqa mir-rikorrenti.

92 Fl-ewwel lok, fir-rigward tad-dritt tal-proprjetà u tad-dritt tar-rikorrenti li jeżerċitaw attività kummerċjali, jeħtieġ li jiġi osservat, qabel xejn, li l-imsemmija drittijiet jiffurmaw parti mid-drittijiet fundamentali sanċiti rispettivament fl-Artikolu 17 u fl-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li l-qorti tal-Unjoni għandha tiżgura r-rispett lejhom. Madankollu, hemm lok li jitfakkar li d-drittijiet fundamentali ma humiex prerogattivi assoluti u li l-eżerċizzju tagħhom jista' jkun is-suġġett ta' restrizzjonijiet iġġustifikati mill-għanijiet ta' interess ġenerali mħaddna mill-Unjoni (sentenza tas-16 ta' Novembru 2011, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, C-548/09 P, Ġabra, EU:C:2011:735, punt 113).

93 Sussegwentement, skont il-ġurisprudenza, il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jeżiġi li l-atti tal-Unjoni ma jeċċedux il-limiti ta' dak li huwa meħtieġ u neċessarju għat-twettiq tal-għanijiet leġittimi li jridu jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, peress li meta jkun hemm possibbiltà ta' għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel l-inqas waħda restrittiva, u li l-inkonvenjenzi li jinħolqu ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet previsti (sentenza tat-18 ta' Novembru 1987, Maizena *et*, 137/85, Ġabra, EU:C:1987:493, punt 15).

94 F'dan il-każ, id-dritt tar-rikorrenti li jeżerċitaw attività ekonomika kif ukoll id-dritt tagħhom għall-proprjetà huma ristretti b'mod kunsiderevoli, mill-fatt tal-adozzjoni tal-atti kkontestati, peress li ma għandhomx id-disponibbiltà tal-fondi tagħhom li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni, ħlief permezz ta'

awtorizzazzjonijiet partikolari, u peress li l-ebda minn dawn il-fondi jew riżorsi ekonomiċi ma jistgħu jitpoġġew għad-dispożizzjoni tagħhom, direttament jew indirettament skont l-Artikolu 23(3) tar-Regolament Nru 267/2012. Madankollu, fid-dawl tal-importanza bażilari taż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali, il-Kunsill seta' jikkunsidra, ġustament, li l-ksur tad-drittijiet suesposti li jirriżulta mill-inklużjoni fil-listi tal-entitajiet miżmuma minn entità li tipprovdi appoġġ lill-Gvern Iranjan kienu adegwati u neċessarji sabiex issir pressjoni fuq l-imsemmi Gvern sabiex jiġu kostrett iwaqqaf l-attivitajiet tiegħu ta' proliferazzjoni nukleari (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza Melli Bank vs Il-Kunsill, punt 62 iktar 'il fuq, EU:C:2012:137, punt 61).

95 Għaldaqstant, tali ksur ma jistax jiġi kkunsidrat, fid-dawl tal-għanijiet segwiti, bħala intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika s-sustanza tad-dritt għall-proprjetà u tad-dritt li tiġi eżerċitata attività kummerċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, punt 92 iktar 'il fuq, EU:C:2011:735, punti 114 u 115).

96 Barra minn hekk, b'mod kuntrarju għal dak li jikkonfermaw ir-rikorrenti, l-iffriżar tal-fondi tagħhom ma jistax jiġi kklassifikat bħala sporporzjonat minħabba allegat ksur tad-dritt tagħhom li jippreżentaw l-argumenti tagħhom quddiem il-Kunsill. Fil-fatt, kif ser jiġi konkluż fil-kuntest tal-ħames motiv (ara l-punti 123 *et seq* iktar 'il fuq), ir-rikorrenti kellhom l-okkażjoni li jsostnu l-opinjoni tagħhom.

97 Għaldaqstant, jeħtieġ li jinċaħdu bħala infondati, l-argumenti bbażati fuq il-ksur tad-dritt għall-proprjetà u tad-dritt li tiġi eżerċitata attività kummerċjali u fuq in-natura sproporzjonata tal-miżuri inkwistjoni.

98 Fit-tieni lok, fir-rigward tar-riskji ta' danni għall-ambjent kif ukoll għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u ċ-ċittadini Iranjani, qabel xejn, jeħtieġ li jiġi nnutat li l-impossibbiltà li jinkiseb materjal u servizzi tekniċi bażiċi minn impriżi stabbiliti fi ħdan l-Unjoni, vantata bħala l-kawża ta' dawn ir-riskji, bl-ebda mod ma tirriżulta mill-miżuri restrittivi li jikkonċernaw lir-rikorrenti.

99 Fil-fatt, mill-argument tar-rikorrenti, kif ukoll mid-dokumenti annessi mar-replika li ġew riprodotti insostenn ta' dan l-argument, jirriżulta li r-riskji ta' nuqqas ta' gass jew dawk marbuta mal-użu ta' kombustibbli oħra ta' tisħin ma humiex il-konsegwenza ta' diffikultajiet finanzjarji possibbli li jolqtu lir-rikorrenti wara l-iffriżar tal-fondi tagħhom u li jipprekluduhom milli jakkwistaw il-materjal neċessarju sabiex jeżegwixxu l-attivitajiet tagħhom, iżda jirriżultaw minn restrizzjonijiet imposti mill-Unjoni fir-rigward tal-provvista lil entitajiet Iranjani ta' beni jew ta' teknoloġiji essenzjali kif ukoll ta' servizzi tekniċi inkonnessjoni ma' dawn il-beni maħsuba għall-industrija tal-gass fl-Iran.

100 Issa, kif jirrileva l-Kunsill, dawn ir-restrizzjonijiet, previsti b'mod partikolari fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2010/412 kif ukoll fl-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament Nru 267/2012, jirrigwardaw kull entità Iranjana u jistgħu b'hekk jaffettwaw lir-rikorrenti, indipendentement mill-inklużjoni ta' isimhom fil-lista. Barra minn hekk, il-legalità tal-imsemmija dispożizzjonijiet ma tistax tiġi kkontestata fil-kuntest ta' dan ir-rikors peress li dawn tal-aħħar ma jikkostitwixxux il-bażi legali tal-atti kkontestati.

101 Għaldaqstant hemm lok li jiġi konkluż li l-allegazzjoni li l-atti kkontestati joħolqu riskju għall-ambjent kif ukoll għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u taċ-ċittadini Iranjani ma hijiex fondata.

102 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-prinċipju ta' prekawzjoni, jeħtieġ li jitfakkar li dan il-prinċipju jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li jobbliga lill-awtoritajiet ikkonċernati li jadottaw, fil-kuntest preċiż tal-eżerċizzju tal-kompetenzi lilhom attribwiti mil-leġiżlazzjoni rilevanti, miżuri adegwati bil-għan li jiġu evitati ċerti riskji potenzjali għas-saħħa pubblika, is-sigurtà u l-ambjent, billi jagħtu preċedenza lir-rekwiżiti marbuta mal-protezzjoni ta' dawn l-interessi fuq l-interessi ekonomiċi (ara s-sentenzi tas-26 ta' Novembru 2002, Artegodan *et* vs Il-Kummissjoni, T-74/00, T-76/00, T-83/00 sa T-85/00, T-132/00, T-137/00 u T-141/00, Ġabra, EU:T:2002:283, punti 183 u 184, u tal-21 ta' Ottubru 2003, Solvay Pharmaceuticals vs Il-Kunsill, T-392/02, Ġabra, EU:T:2003:277, punt 121 u l-ġurisprudenza ċċitata).

103 Issa, f'dan il-każ, kif jirriżulta mill-punti 98 sa 101 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma stabbilixxewx l-eżistenza ta' riskji possibbli għas-saħħa, is-sigurtà jew l-ambjent li setgħu jirriżultaw mill-iffriżar tal-fondi. Għaldaqstant, ma jistax jiġi allegat li l-Kunsill ma pprevediex l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' prekawzjoni waqt l-adozzjoni tal-atti kkontestati.

104 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, hemm lok li r-raba' motiv jiġi miċħud bħala infondat.

*Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' notifika fir-rigward ta' tnejn mir-rikorrenti u fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva*

105 Ir-rikorrenti jqisu li l-Kunsill wettaq diversi istanzi ta' ksur tad-drittijiet proċedurali, tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fir-rigward tagħhom.

106 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kunsill ma nnotifikax l-atti kkontestati individwalment lil POMC u lil PRE.

107 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kunsill ma mmotivax id-deċiżjoni tiegħu li jimponi miżuri restrittivi li jirrigwardawhom u għaldaqstant ma informahomx bil-bażi għall-inklużjoni ta' isimhom fil-listi. Fir-risposta, huma jispeċifikaw li l-motiv li huma miżmuma jew ikkontrollati minn NIOC ma jikkorrispondix mal-motivazzjoni ddikjarata fl-atti kkontestati.

108 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jikkonfermaw li l-Kunsill ma pprovdilhomx, minkejja t-talba tagħhom, l-informazzjoni u l-provi li fuqhom huwa bbaża ruħu waqt l-adozzjoni tal-atti kkontestati. Huma jikkunsidraw li huma ma setgħux jippreżentaw l-argumenti tagħhom u li jikkontestaw b'mod sodisfaċenti l-inklużjoni ta' isimhom fil-listi.

109 Preliminarjament, hemm lok li jiġi rrilevat li r-rikorrenti talbu lill-Qorti Ġenerali li teżamina l-argumenti tal-proċedura mqajma fil-kuntest tal-ħames motiv unikament sa fejn ġiet mitluba ċ-ċaħda tal-ewwel erba' motivi. Peress li, fir-rigward ta' POMC u ta' PRE, inltaqa' t-tieni motiv, jeħtieġ għaldaqstant li jiġi eżaminat il-ħames motiv unikament sa fejn dan jikkonċerna lil PPI u lil POSCO (iktar 'il quddiem l-"ewwel żewġ rikorrenti"). Għaldaqstant, l-argument marbut mal-assenza ta' notifika tal-atti kkontestati lil POMC u lil PRE ma huwiex ser jiġi eżaminat fil-kuntest ta' dan il-ħames motiv.

110 Prinċipalment, qabel xejn, fir-rigward tal-obbligu ta' motivazzjoni, jirriżulta b'mod ċar mill-eżami tal-ewwel motiv (ara l-punti 27 sa 48 iktar 'il fuq) li l-motivazzjoni tal-atti kkontestati hija suffiċjenti sa fejn din ippermettiet lill-ewwel żewġ rikorrenti mhux biss li jidentifikaw il-bażi legali ta' dawn l-atti, iżda wkoll ir-raġunijiet speċifiċi u konkreti li abbażi tagħhom il-Kunsill kkunsidra li dawn kellhom jiġu ssuġġettati għal miżuri restrittivi, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 35 iktar 'il fuq.

111 Sussegwentement, fir-rigward tad-drittijiet tad-difiża, jeħtieġ li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, ir-rispett ta' dawn id-drittijiet, u b'mod partikolari tad-dritt għal smigħ, f'kull proċedura miftuħa fil-konfront ta' entità li tista' twassal għal att li jikkawżalha preġudizzju, jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni u għandu jiġi żgurat, anki fl-assenza ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni fir-rigward tal-proċedura inkwistjoni (sentenza Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, punt 35 iktar 'il fuq, EU:T:2009:401, punt 91).

112 Il-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża jeżiġi, minn naħa, li l-elementi miżmuma kontra l-entità kkonċernata sabiex isostnu l-att li jikkawżalha preġudizzju għandhom jiġu kkomunikati lilha. Min-naħa l-oħra, hija għandha titpoġġa f'pożizzjoni fejn tkun tista' ssostni b'mod utli l-opinjoni tagħha dwar dawn l-elementi (ara, b'analoġija, is-sentenza OMPI I, punt 33 iktar 'il fuq, EU:T:2006:384, punt 93).

113 Għaldaqstant, fil-każ ta' att inizjali li permezz tiegħu l-fondi ta' entità jiġu ffriżati, sakemm ma tkunx prekluża minn kunsiderazzjonijiet imperattivi li jikkonċernaw is-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom, il-komunikazzjoni tal-provi mressqa kontra l-entità kkonċernata għandha ssir jew simultanjament mal-adozzjoni tal-att ikkontestat, jew fl-iqsar żmien possibbli wara l-imsemmija adozzjoni. Fuq talba tal-entità kkonċernata, din tal-aħħar għandha wkoll id-dritt li ssostni l-opinjoni tagħha dwar dawn l-elementi labarba l-att jiġi adottat (ara, b'analoġija, is-sentenza OMPI I, punt 33 iktar 'il fuq, EU:T:2006:384, punt 137).

114 Barra minn hekk, għandu jingħad li, meta tiġi kkomunikata informazzjoni biżżejjed preċiża, li permezz tagħha l-entità kkonċernata tkun tista' tesprimi b'mod utli l-opinjoni tagħha dwar il-provi kkunsidrati kontriha mill-Kunsill, il-prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża ma jimplikax li din l-istituzzjoni għandha l-obbligu li tagħti, b'mod spontanju, aċċess għad-dokumenti li jinsabu fil-fajl tagħha. Huwa biss meta ssir talba mill-parti kkonċernata li l-Kunsill huwa obbligat jagħti aċċess għad-dokumenti amministrattivi mhux kunfidenzjali kollha li jkunu jikkonċernaw il-miżura inkwistjoni (ara s-sentenza Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, punt 35 iktar 'il fuq, EU:T:2009:401, punt 97 u l-ġurisprudenza ċċitata).

115 Fl-aħħar, il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jimplika li l-awtorità tal-Unjoni inkwistjoni hija obbligata tikkomunika r-raġunijiet ta' miżura restrittiva lill-entità kkonċernata, sa fejn ikun possibbli, jew fil-mument meta l-imsemmija miżura tkun adottata, jew, tal-inqas, malajr kemm jista' jkun wara li tkun ġiet adottata, u dan sabiex l-entità kkonċernata tkun tista' teżerċita, fit-termini, id-dritt tagħha għal rimedju. L-osservanza ta' dan l-obbligu li jiġu kkomunikati l-imsemmija raġunijiet hija fil-fatt meħtieġa, kemm sabiex id-destinatarji tal-miżuri restrittivi jkunu jistgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli u jkunu jistgħu jiddeċiedu b'għarfien sħiħ tal-kwistjoni jekk ikunx utli għalihom li jirrikorru għall-qorti tal-Unjoni, u kemm sabiex din tal-aħħar tkun tista' teżerċita b'mod sħiħ l-istħarriġ tal-legalità tal-att inkwistjoni li jinkombi fuqha (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni, C-402/05 P u C-415/05 P, Ġabra, EU:C:2008:461, punti 335 sa 337 u l-ġurisprudenza ċċitata).

116 F'dan il-każ, fl-ewwel lok, fir-rigward tal-komunikazzjoni inizjali tal-elementi akkużatorji, hemm lok li jitfakkar, minn naħa, li l-atti kkontestati ġew ikkomunikati lill-ewwel żewġ rikorrenti permezz tal-ittri tal-10 ta' Ġunju 2013 u, min-naħa l-oħra, li jirriżulta mill-eżami tal-ewwel motiv kif ukoll mill-punt 110 iktar 'il fuq, marbuta mal-obbligu ta' motivazzjoni, li l-atti kkontestati huma mmotivati suffiċjentement sa fejn ippermettew lill-ewwel żewġ rikorrenti li jifhmu r-raġunijiet li abbażi tagħhom huma ġew inklużi fil-listi.

117 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li l-Kunsill ma kisirx id-drittijiet tad-difiża tal-ewwel żewġ rikorrenti f'dak li jikkonċerna l-komunikazzjoni inizjali tal-elementi akkużatorji.

118 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-aċċess għad-dokumenti, mingħajr in-neċessità li tingħata deċiżjoni fuq l-allegazzjoni li l-Kunsill ma kkomunikax lill-ewwel żewġ rikorrenti d-dokumenti li jinsabu fil-fajl tiegħu b'mod tempestiv, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat li l-Kunsill ma kisirx id-drittijiet tad-difiża ta' dawn ir-rikorrenti.

119 Fil-fatt, jeħtieġ li jitfakkar li l-komunikazzjoni tardiva ta' dokument li l-Kunsill ibbaża ruħu fuqu sabiex jadotta jew iżomm fis-seħħ il-miżuri restrittivi li jikkonċernaw entità ma tikkostitwixxix ksur tad-drittijiet tad-difiża li jiġġustifikaw l-annullament tal-atti kkonċernati sakemm ma jiġix stabbilit li l-miżuri restrittivi inkwistjoni ma setgħux jiġu adottati jew miżmuma fis-seħħ b'mod legali jekk id-dokument ikkomunikat tardivament kellu jiġi skartat bħala prova akkużatorja (sentenza Persia International Bank vs Il-Kunsill, punt 81 iktar 'il fuq, EU:T:2013:398, punt 85).

120 Konsegwentement, f'dan il-każ, anki jekk jiġi preżunt li l-Kunsill ikkomunika b'mod tardiv l-atti li jinsabu fil-fajl tar-rikorrenti, din iċ-ċirkustanza tista' tiġġustifika l-annullament tal-atti kkontestati biss jekk jiġi barra minn hekk stabbiliti li l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi fil-konfront tal-ewwel żewġ rikorrenti ma setgħetx tiġi ġġustifikata mill-elementi kkomunikati lil dawn tal-aħħar b'mod tempestiv, jiġifieri l-motivi li jinsabu fl-atti kkontestati.

121 Issa, minn naħa, hemm lok li jiġi kkonstatat li d-dokumenti kkomunikati waqt il-preżentata tar-risposta ma jinkludu l-ebda informazzjoni ġdida utli għad-difiża tal-ewwel żewġ rikorrenti, peress li l-kontenut tagħhom ma jirrileva l-ebda element ġdid li jikkonċernahom. Min-naħa l-oħra, mill-eżami tat-tieni motiv jirriżulta li l-motivi li jinsabu fl-atti kkontestati, kif ikkomunikati lill-ewwel żewġ rikorrenti, kienu suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi li jikkonċernawhom.

122 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi konkluż li l-Kunsill ma kisirx id-drittijiet tad-difiża tal-ewwel żewġ rikorrenti fir-rigward tal-aċċess għad-dokumenti.

123 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-possibbiltà tal-ewwel żewġ rikorrenti li jsostnu b'mod utli l-opinjoni tagħhom, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, wara l-adozzjoni tal-atti kkontestati, ir-rikorrenti bagħtu lill-Kunsill, fid-9 ta' Awwissu 2013, ittra li fiha huma esponew l-opinjoni tagħhom u talbu li jiġu kkomunikati lilhom ir-raġunijiet għall-inklużjoni tagħhom kif ukoll il-provi li jinsabu fil-fajl tagħhom.

124 Għaldaqstant, l-ewwel żewġ rikorrenti kellhom l-okkażjoni li jsostnu b'mod utli l-opinjoni tagħhom b'tali mod li ma jistax jiġi allegat li l-Kunsill kiser id-drittijiet tagħhom tad-difiża f'dan ir-rigward.

125 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-ewwel żewġ rikorrenti setgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom u li hija f'pożizzjoni li teżerċita l-istħarriġ tal-legalità tal-atti kkontestati. Għaldaqstant huwa b'mod żbaljat li l-ewwel żewġ rikorrenti jallegaw li l-Kunsill kiser id-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

126 Konsegwentement, hemm lok li l-ħames motiv jinċaħad bħala infondat fir-rigward tal-ewwel żewġ rikorrenti.

127 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal preċedentement, jeħtieġ għalhekk li jinċaħad ir-rikors sa fejn dan jikkonċerna lil PPI u POSCO u li jintlaqa' fir-rigward ta' POMC u ta' PRE.

**Fuq l-effetti *ratione temporis*tal-annullament tal-atti kkontestati sa fejn dawn jikkonċernaw lil POMC u lil PRE**

128 Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 264(2) TFUE, il-Qorti Ġenerali tista', jekk tqis li jkun meħtieġ, tindika dawk l-effetti tal-att annullat li għandhom jitqiesu bħala definittivi. Mill-ġurisprudenza jirriżulta li din id-dispożizzjoni tippermetti lill-qorti tal-Unjoni tiddeċiedi d-data li fihom jidħlu fis-seħħ is-sentenzi tagħha ta' annullament (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2013, Nabipour *et* vs Il-Kunsill, T-58/12, EU:T:2013:640, punti 250 u 251).

129 F'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, għall-motivi spjegati iktar 'il fuq, li huwa neċessarju li jinżammu l-effetti tal-atti kkontestati fiż-żmien sad-data ta' skadenza tat-terminu tal-appell previst fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew, jekk ġie introdott appell f'dan it-terminu, saċ-ċaħda tal-appell.

130 Fil-fatt, jeħtieġ li jitfakkar li l-programm nukleari implementat mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran huwa sors ta' tħassib imqanqal kemm fil-livell internazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew. Huwa f'dan il-kuntest li l-Kunsill kabbar gradwalment in-numru ta' miżuri restrittivi adottati kontra dan l-Istat, sabiex jostakola l-iżvilupp ta' attivitajiet li jqiegħdu f'periklu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali, fil-kuntest tal-implementazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà.

131 Għaldaqstant, l-interess ta' POMC u ta' PRE li jinkiseb id-dħul fis-seħħ immedjat tal-annullament tal-atti kkontestati sa fejn dawn jikkonċernawhom għandu jkun ibbilanċjat mal-għan ta' interess ġenerali segwit mill-politika tal-Unjoni fil-qasam ta' miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran. Il-modulazzjoni tal-effetti *ratione temporis* tal-annullament ta' miżura restrittiva tista' b'hekk tkun iġġustifikata mill-ħtieġa li tiġi żgurata l-effettività tal-miżuri restrittivi u, b'mod definittiv, minn kunsiderazzjonijiet imperattivi li jolqtu s-sigurtà jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha (ara, b'analoġija, l-assenza ta' obbligu ta' komunikazzjoni minn qabel lill-parti kkonċernata tal-motivi ta' inklużjoni inizjali ta' isimha fil-listi, sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, France vs People's Mojahedin Organization of Iran, C-27/09 P, Ġabra, EU:C:2011:853, punt 67).

132 Issa, l-annullament b'effett immedjat tal-atti kkontestati sa fejn dawn jikkonċernaw lil POMC u PRE jippermetti lil dawn tal-aħħar jittrasferixxu l-assi kollha tagħhom jew parti minnhom barra mill-Unjoni, mingħajr mal-Kunsill ikun jista', fejn xieraq, japplika fi żmien xieraq l-Artikolu 266 TFUE sabiex jiġu korretti l-irregolaritajiet ikkonstatati f'din is-sentenza, b'tali mod li jkun hemm ir-riskju li jsir preġudizzju serju u irreversibbli għall-effettività ta' kull iffriżar ta' assi li jista', fil-ġejjieni, jiġi deċiż mill-Kunsill fir-rigward ta' dawn l-entitajiet.

133 Fil-fatt, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 266 TFUE f'dan il-każ, għandu jiġi osservat li l-annullament permezz ta' din is-sentenza tal-inklużjoni tal-isem ta' POMC u ta' PRE fil-listi jirriżulta mill-fatt li l-motivi għal din l-inklużjoni ma humiex sostnuti bi provi suffiċjenti (ara l-punti 77 sa 84 iktar 'il fuq). Minkejja li huwa l-Kunsill li għandu jiddeċiedi dwar il-miżuri ta' eżekuzzjoni ta' din is-sentenza, inklużjoni ġdida tal-imsemmija ismijiet fil-listi ma tistax tiġi eskluża awtomatikament. Fil-fatt, fil-kuntest ta' dan l-eżami ġdid, il-Kunsill għandu l-possibbiltà li jinkludi mill-ġdid dawn l-ismijiet abbażi ta' motivi sostnuti b'mod suffiċjenti fid-dritt.

134 Għaldaqstant l-effetti tal-atti kkontestati għandhom jinżammu fir-rigward ta' POMC u ta' PRE, sad-data tal-iskadenza tat-terminu għall-preżentata ta' appell jew, jekk jiġi ppreżentat appell f'dan it-terminu, sakemm dan l-appell jiġi miċħud.

**Fuq l-ispejjeż**

135 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk il-partijiet ikunu telliefa rispettivament fuq kap jew iktar tat-talbiet tagħhom, jew għal raġunijiet eċċezzjonali, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li taqsam l-ispejjeż jew tiddeċiedi li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

136 Fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, għandu jiġi deċiż li kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Is-segwenti atti huma annullati sa fejn dawn jikkonċernaw lil Petropars Aria Kish Operation and Management Co. u lil Petropars Resources Engineering Kish Co.:**

   — **id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/270/PESK, tas-6 ta' Ġunju 2013, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran;**

   — **ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 522/2013, tas-6 ta' Ġunju 2013, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran.**

2) **L-effetti tad-Deċiżjoni 2013/270 u tar-Regolament Nru 522/2013 għandhom jinżammu fir-rigward ta' Petropars Aria Kish Operation and Management Co. u ta' Petropars Resources Engineering Kish Co. sad-data tal-iskadenza tat-terminu tal-appell imsemmi fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew, jekk jiġi ppreżentat appell f'dan it-terminu, sakemm dan l-appell jiġi miċħud.**

3) **Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.**

4) **Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.**

Jaeger Van der Woude Buttigieg

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-5 ta' Mejju 2015.

Firem